MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF
ANTHONY ELLUL**

Seduta tat-23 ta' Novembru, 2012

Rikors Numru. 251/2012

**Id-Direttur tal-Kuntratti**

**Vs**

**Joseph Spiteri**

Permezz ta’ rikors prezentat fl-20 ta’ Frar 2012 id-Direttur tal-Kuntratti talab li s-sentenza Direttur tal-Kuntratti et vs Joseph Spiteri (2377/1998RCP) tal-11 ta’ Mejju 2000 terga’ tigi reza ezegwibbli skond l-Artikolu 258(a) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

L-intimat wiegeb li t-talba tar-rikorrent ghandha tintlaqa' biss parzjalment in kwantu s-sentenza ma kkonceditx is-solidarjeta fil-kawza. Skond l-Artikolu 1090 tal-Kodici Civili is-solidarjeta' ghandha tkun imfissra espressament sabiex titqies li tezisti.

L-intimat m'ghandux jaghmel tajjeb ghall-ispejjez ghaliex il-procedura saret mehtiega peress li r-rikorrent halla z-zmien ghaddej ghall-ezekuzzjoni tas-sentenza.

Fis-seduta tal-11 ta' Ottubru 2012 xehed Oreste Cassar, ufficjal mid-Dipartiment tal-Kuntratti u kkonferma li l-ammont ghadu dovut. F'affidavit li ghamlet Dr Katrina Borg Cardona, Chief Officer mal-Malta Industrial Parks Limited, spjegat kif din il-kumpannija hadet l-amministrazzjoni taz-zoni industrijali; *"Nghid li ghalhekk is-socjeta Malta Industrial Parks Limited assumiet l-obbligi u l-jeddijiet kollha li kienu jispettaw lill-MDC fir-rigward tal-kuntratti li kienu saru ma' Joseph Spiteri u li minn ricerka li jiena ghamilt irrizultali li ma sar l-ebda pagament lill-MIP da parti tal-istess Spiteri skond kif ordnat fis-sentenza fl-ismijiet Direttur tal-Kuntratti et vs Joseph Spiteri."*[1]. F'dan il-kuntest ma tressqet l-ebda prova kuntrarja.

Bis-sentenza tal-11 ta' Mejju 2000, Joseph Spiteri kien gie kkundannat ihallas is-somma ta' elfejn disgha mija u hamsin ewro u hamsin centezmu (€2,950.50), li jikkonsistu f'ghaxra fil-mija (10%) tal-valur ta' kuntratt *Masonry Repair Works at Various Industrial Estates* wara sejha ghall-offerti pubblikata fil-gazzetta tal-Gvern (Avviz numru 6/96).

L-intimat m'huwiex jikkontesta li ghadu ma hallasx is-somma ta' elfejn disgha mija u hamsin ewro u hamsin centezmu (€2,950.50) li gie kundannat ihallas bis-sentenza tal-11 ta' Mejju 2000.

Skond l-Artikolu 258, wara ghaxar (10) snin minn meta s-sentenza setghet tigi ezegwita, l-esekuzzjoni tista' biss issir wara li jsir rikors quddiem il-qorti kompetenti. Bhala parti fil-kawza 2377/98, id-Direttur tal-Kuntratti ghandu nteress li jaghmel din il-procedura.

Hu minnu li m'hemmx prova li d-Diretturi tal-Kuntratti u l-Malta Industrial Parks Limited huma kredituri solidali. L-Artikolu 1089 tal-Kap. 16 jipprovdi:-

*"ma jitqiesx li hemm solidarjeta'. Jekk ma tkunx iddikjarata mil-ligi, ghandha tkun miftiehma espressament."*.

F'dan il-kaz ir-rikorrent ma ta l-ebda prova li hemm solidarjeta'. Fil-fehma tal-qorti din hi rilevanti meta xi hadd mill-atturi jigi biex jezegwixxi t-titolu ezekuttiv, fis-sens li hadd minnhom ma jista' jitlob is-somma intjiera tal-hlas. L-argument li Malta Industrial Parks Limited hi wkoll tal-Gvern, ma jibdilx il-fehma tal-qorti. Fil-kawza 2377/1998 kien hemm tnejn min-nies li harrku lil Spiteri, minghajr ma saret l-ebda distinzjoni li qeghdin jagixxu fl-interess tal-Gvern. Daqshekk iehor fl-esekuzzjoni ma tistax issir distinzjoni.

Madankollu bl-ordni li ser tkun qeghda taghti l-qorti ser tkun qeghda tawtorizza l-ezekuzzjoni tas-sentenza. Certament li ghal dak li jikoncerna l-interess ta' Malta Industrial Parks Limited trid taghmel rikors ai termini tal-Artikolu 259(4) tal-Kap. 12 gialadarba ma sar xejn biex tkun parti minn dan il-procediment.

**Ghal dawn il-motivi l-qorti qeghda tiddeciedi r-rikors billi tilqa' t-talba tar-rikorrent fis-sens li tawtorizza l-ezekuzzjoni tas-sentenza fl-ismijiet id-Direttur tal-Kuntratti et vs Joseph Spiteri (2377/98RCP) tal-11 ta' Mejju 2000. Spejjez a karigu tal-intimat in kwantu kien hu li naqas milli jhallas is-somma ta' elfejn disgha mija u hamsin ewro u hamsin centezmu (€2,950.50) bl-ispejjez.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------